Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 189/21**
il-Lussemburgu, 21 ta' Ottubru 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawżi magħquda C-845/19 u C-863/19
Okrazhna prokuratura – Varna

# Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea

*Din id-direttiva tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-konfiska, favur l-Istat, ta' proprjetà li jkun allegat li tappartjeni lil persuna differenti mill-awtur tar-reat kriminali, mingħajr din il-persuna ma jkollha l-possibbiltà li tikkostitwixxi ruħha bħala parti fil-proċedura ta' konfiska*

Żewġ ċittadini Bulgari (iktar 'il quddiem il-"persuni kkonċernati") ġew ikkundannati kriminalment li, fi Frar 2019, kellhom fil-pussess tagħhom, f'Varna (il-Bulgarija), mingħajr awtorizzazzjoni, bl-għan tat-traffikar tagħhom, sustanzi narkotiċi ta' riskju għoli. Wara din il-kundanna, l-Okrazhna prokuratura – Varna (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Reġjonali ta' Varna) talab lill-Okrazhen sad Varna (il-Qorti Reġjonali ta' Varna, il-Bulgarija) tordna l-konfiska tas-somom ta' flus misjuba fl-akkomodazzjoni rispettiva tagħhom matul tiftix.

Matul is-seduta quddiem din il-qorti, il-persuni kkonċernati ddikjaraw li s-somom ta' flus maqbuda kienu jappartjenu għal membri tal-familji rispettivi tagħhom. Dawn tal-aħħar ma pparteċipawx fil-proċedura quddiem l-imsemmija qorti, peress li d-dritt nazzjonali ma jippermettix dan. Din l-istess qorti rrifjutat li tawtorizza l-konfiska tal-imsemmija somom ta' flus, peress li qieset li r-reat kriminali li l-persuni kkonċernati kienu ġew ikkundannati għalih ma kienx ta' natura li jiġġenera vantaġġi ekonomiċi. Barra minn hekk, minkejja li jeżistu provi li l-persuni kkonċernati kienu jbigħu sustanzi narkotiċi, huma la ġew akkużati u lanqas ikkundannati għal tali reat kriminali. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Reġjonali ta' Varna kkontesta din is-sentenza, billi argumenta li, fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti, l-imsemmija qorti kienet naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni d-Direttiva 2014/42 [1].

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar in-neċessità tal-eżistenza ta' sitwazzjoni transkonfinali sabiex tiskatta l-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/42, dwar il-portata tal-konfiska prevista minn din id-direttiva kif ukoll dwar il-portata tad-dritt għar-rimedju effettiv irrikonoxxut lit-terz li jallega, jew fejn ikun allegat, li jkun is-sid ta' proprjetà li tkun is-suġġett ta' konfiska. Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni għalhekk dwar kwistjonijiet ta importanza kruċjali sabiex tippreċiża l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/42 u l-interpretazzjoni ta' wħud mill-kunċetti prinċipali tagħha.

## Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **l-pussess ta' sustanzi narkotiċi għall-finijiet tat-traffikar tagħhom jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/42, minkejja li l-elementi kollha inerenti għat-twettiq ta' dan ir-reat ikunu limitati għal Stat Membru wieħed biss.** Fil-fatt, skont it-Trattat FUE [2], tali reat kriminali jaqa' taħt wieħed mill-oqsma ta' kriminalità partikolarment serji, li għandhom dimensjoni transkonfinali, iċċitati f'dan it-trattat. Konsegwentement, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu kompetenza sabiex jadotta regoli minimi ta' armonizzazzjoni dwar id-definizzjoni tar-reati kriminali u tas-sanzjonijiet f'dan il-qasam, liema

[1] Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU 2014, L 127, p. 39, rettifika fil-ĠU 2014, L 138, p. 114).
[2] Artikolu 83(1) TFUE.

kompetenza tkopri wkoll is-sitwazzjonijiet li fihom l-elementi inerenti għat-twettiq ta' reat konkret ikunu limitati għal Stat Membru wieħed biss.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li d-Direttiva 2014/42 ma tipprevedix biss il-konfiska tal-proprjetajiet li jikkostitwixxu vantaġġ ekonomiku li jirriżulta mir-reat kriminali li l-awtur ta' dan ir-reat ikun ġie kkundannat għalih, **iżda li hija tipprevedi wkoll il-konfiska tal-proprjetajiet li jappartjenu għall-awtur tar-reat kriminali li l-qorti nazzjonali adita bil-kawża hija konvinta li joriġinaw minn attivitajiet kriminali oħrajn**. Tali konfiski għandhom madankollu jsiru b'osservanza tal-garanziji previsti minn din id-direttiva [3] u huma suġġetti għall-kundizzjoni li r-reat li l-imsemmi awtur ġie ddikjarat ħati tiegħu ikun jinsab fost dawk li huma elenkati hemmhekk [4] u li dan il-ksur ikun jista' jagħti lok, direttament jew indirettament, għal vantaġġ ekonomiku.

Fir-rigward tal-ewwel tip ta' konfiska, huwa neċessarju li l-prodott li tkun maħsuba l-konfiska tiegħu **jirriżulta mir-reat kriminali li għalih tkun saret il-kundanna definittiva tal-awtur tiegħu.**

Fir-rigward tat-tieni sitwazzjoni, li tikkorrispondi għall-konfiska estiża [5], il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, minn naħa, li, sabiex jiġi ddeterminat jekk reat kriminali jistax jagħti lok għal vantaġġ ekonomiku, **l-Istati Membri jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni l-modus operandi, pereżempju jekk ir-reat ikunx twettaq fil-kuntest tal-kriminalità organizzata jew bl-intenzjoni li jinsiltu profitti regolari minn reati kriminali** [6]. Min-naħa l-oħra, il-konvinzjoni tal-qorti nazzjonali li l-proprjetajiet joriġinaw minn attivitajiet kriminali **għandha tkun ibbażata fuq iċ-ċirkustanzi tal-kawża, inklużi l-elementi fattwali konkreti u l-provi disponibbli** [7]. Sabiex tagħmel dan, din il-qorti tista' b'mod partikolari tieħu inkunsiderazzjoni n-nuqqas ta' proporzjon bejn il-valur tal-proprjetajiet inkwistjoni u d-dħul legali tal-persuna kkundannata [8].

Fir-rigward fl-aħħar nett tal-konfiska tal-assi ta' terzi [9], din tippreżupponi li **jiġu stabbiliti l-eżistenza ta' trasferiment, minn persuna ssuspettata jew akkużata, ta' rikavat lil terz jew ta' akkwist ta' tali rikavat minn terz, kif ukoll l-għarfien minn dan it-terz tal-fatt li dan it-trasferiment jew dan l-akkwist kellu bħala għan li tiġi evitata l-konfiska**.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li d-Direttiva 2014/42, moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, **tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-konfiska, favur l-Istat, ta' proprjetà li jkun allegat li tappartjeni lil persuna differenti mill-awtur tar-reat kriminali, mingħajr ma din il-persuna ma jkollha l-possibbiltà li tikkostitwixxi ruħha bħala parti fil-proċedura ta' konfiska**. Fil-fatt, din id-direttiva timponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-persuni kkonċernati mill-miżuri li hija tipprevedi, inklużi t-terzi li jallegaw jew fejn ikun allegat li jkunu s-sidien tal-proprjetajiet li tkun maħsuba l-konfiska tagħhom, **ikollhom dritt għal rimedju effettiv u għal smigħ xieraq sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħhom** [10]. Barra minn hekk, l-imsemmija direttiva tipprevedi diversi garanziji speċifiċi sabiex tiġi żgurata s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali ta' tali terzi. Fost dawn il-garanziji hemm **id-dritt ta' aċċess għal avukat matul il-proċedura kollha ta' konfiska** [11], li evidentement jinkludi d-dritt għal dawn it-terzi għal smigħ fil-kuntest ta' din il-proċedura, inkluż id-dritt li jinvokaw it-titolu tagħhom fuq il-proprjetajiet ikkonċernati mill-konfiska [12].

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib

[3] Artikolu 8(8) tad-Direttiva 2014/42.
[4] Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2014/42.
[5] Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/42.
[6] Premessa 20 tad-Direttiva 2014/42.
[7] Premessa 21 tad-Direttiva 2014/42.
[8] Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/42.
[9] Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/42.
[10] Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/42.
[11] Artikolu 8(7) tad-Direttiva 2014/42.
[12] Artikolu 8(9) tad-Direttiva 2014/42.

soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*